MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 616/2010

**Bartoli Brothers Limited (C16827)**

***kontra***

**The President Holding Limited (C38482)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fis-17 ta` Gunju 2010 ai termini tal-Art.167 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta li jaqra hekk –

***A. DIKJARAZZJONI TAL-FATTI***

*1. Illi socjeta` rikorrenti provdiet prodotti u/jew servizzi lis-socjeta` intimata fuq ordni u inkarigu taghha*

*stess, u hija dovuta s-somma ta’ tmintax-il elf, disa` mija u wiehed u hamsin Ewro u tnejn u sittin centezmi ta’ Ewro (EUR 18,951.12) bhala hlas ghal dawn l-istess prodotti u servizzi, liema ammont huwa cert, likwidu u dovut. (l-ahhar invoice qed tigi annessa ma’ dan ir-rikors u mmarkata bhala ‘Dok A’) ;*

*2. Illi nonostante illi s-socjeta` intimata giet interpellata diversi drabi sabiex tersaq ghall-hlas ta’ l-ammont dovut, hija baqghet inadempjenti, u fil-fatt dan id-dejn ghadu ma giex saldat sal-lum ;*

*3. Illi s-socjeta` intimata m’ghandha l-ebda raguni jew eccezzjoni valida fil-ligi kontra t-talba tas-socjeta` rikorrenti ;*

*4. Illi dawn il-fatti kif hawn dikjarati huma a diretta konoxxenza tas-socjeta` rikorrenti.*

***B. RAGUNI GHAT-TALBIET F’DAWN IL-PROCEDURI***

*Illi s-socjeta` rikorrenti nterpellat lis-socjeta` intimata sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tal-ammont mitlub f’dan ir-rikors guramentat liema ammont li hu cert likwidu u dovut huwa bilanc minn somma akbar dovut minnha ghall-prodotti u/jew servizzi provduti lilha fuq inkarigu taghha stess izda baqghet inadempjenti u ghalhekk qeghda ssir dina l-kawza skond il-ligi.*

***C. TALBIET ATTRICI***

*Ghaldaqstant is-socjeta’ rikorrenti titlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur ta' l-Artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*2. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta` intimata hija debitrici tas-socjeta` rikorrenti ghas-somma ta' tmintax-il elf, disa` mija u wiehed u hamsin Ewro u tnejn u sittin centezmi ta' Ewro (EUR 18,951.62) bhala hlas ghall-prodotti u servizzi provduti lis-socjeta` intimata fuq inkarigu taghha stess, liema ammont huwa cert, likwidu u dovut skond id-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dokument "BB";*

*3. Tikkundanna u tordna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont minnha dovut ta' tmintax-il elf, disa` mija u wiehed u hamsin Ewro u tnejn u sittin centezmi ta' Ewro (EUR 18,951.62);*

*Bl-ispejjes inkluz dawk tal-ittri interpellatorji u tal-Mandat ta' Sekwestru numru (sic) kontra l-istess socjeta` intimata li tibqa` minn issa ngunta ghas-subizzjoni, u bl-imghax skond il-ligi mid-data tal-konsenja sal-pagament effettiv.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija attrici u l-elenku tad-dokumenti esebiti.

Rat li l-atti tar-rikors guramentat kienu debitament notifikati lill-konvenuti intimata skond il-ligi.

Rat li kienu rispettati t-termini stabbiliti mil-ligi sabiex tqis din il-kawza bil-procedura sommarja specjali.

Rat li meta ssejhet il-kawza fl-udjenza li saret nhar il-Hamis 3 ta` Frar 2011 fid-9.00 a.m., il-kumpannija intimata ma dehritx.

Rat l-atti tal-kawza.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors mahluf jirrizultaw ippruvati, taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi –

**1. Tilqa` l-ewwel talba u ghalhekk qeghda tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa mis-smigh.**

**2. Tilqa` t-tieni talba u tiddikjara illi s-socjeta` intimata hija debitrici tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta’ tmintax-il elf, disa` mija u wiehed u hamsin Ewro u tnejn u sittin centezmi ta’ Ewro (€ 18,951.62) bhala hlas ghall-prodotti u servizzi provduti lis-socjeta` intimata fuq inkarigu taghha stess.**

**3. Tilqa’ t-tielet talba u tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont minnha dovut ta’ tmintax-il elf, disa`mija u wiehed u hamsin Ewro u tnejn u sittin centezmi ta’ Ewro (€18,951.62).**

**4. Tikkundanna lill-kumpannija intimata sabiex thallas l-ispejjez kollha ta’ din il-kawza nkluzi dawk tal-ittri interpellatorji u tal-Mandat ta’ Sekwestru kontra l-istess socjeta` intimata u bl-imghax skond il-ligi mid-data tal-konsenja sal-pagament effettiv.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------